**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru 2015

Talba Numru: 748/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 21

**GO p.l.c. – C22334**

**vs.**

**Antoine Cauchi – K.I. 561484 (M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' erba' mija, disgħa u sittin ewro u seba' ċenteżmi (€469.07c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' internet bil-kont bin-numru *A/C 40167203*, mogħti mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ erba’ mija, disgħa u sittin ewro u seba’ ċenteżmi (€469.07c), bl-imgħax legali dekorribbli mid-9 ta’ Settembru 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur